A.L. 11 ta' l-1993

ATT DWAR L-AĠENZIJI TA' L-IVVJAĠĠAR U SERVIZZI TAL-LUKANDI (KAP. 264)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1980 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 41 ta' l-1980.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1993.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu (2) tar-regolament 5 tar-regolament prinċipali għandu jitħassar u l-paragrafu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 5.

Jissostitwixxi t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok it-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIELET SKEDA

Taqsima I — Drittijiet għall-Applikazzjoni

A.	Applikazzjoni għall-għoti ta' Liċenza ta' Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar	Lm1.50
B.	Applikazzjoni għat-tiġdid ta' Liċenza ta' Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar	Lm1.00
Ċ.	Applikazzjoni għall-għoti ta' Liċenza ta' Sub-Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar	Lm1.00
D.	Applikazzjoni għat-tiġdid ta' Liċenza ta' Sub-Aġenzija ta' l-Ivjaġġar	Lm1.00

Taqsima II — Drittijiet li jitħallsu għall-ewwel ħruġ ta' liċenza u għat-tiġdid tagħha kull sena wara

A.	Għal kull Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar	Lm100
B.	Għal kull Fergħa ta' Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar	Lm100
Ċ.	Għal kull Sub-Aġenzija ta' l-Ivvjaġġar	Lm200.".